**Ruling mogħti mill-President tal-Kamra l-Onor. Myriam Spiteri Debono, fis-Seduta 139 tal-11 ta’ Novembru 1997 dwar interuzzjoni tax-xogħol**

## RULING TA’ MADAM SPEAKER

Fil-point of order imqajjem mill-Prim Ministru hemm riferenza għal Ordni Permanenti Nru. 35. Jiena rajt x'jgħid dan l-Ordni Permanenti bis-subinċiżi kollha tiegħu, imbagħad mort lura u waqaft fuq is-subinċiż (1) tiegħu li jgħid:

"... mozzjoni bħala emenda għall-kwestjoni diġa' proposta mill-iSpeaker jew mill-President ...;".

Il-Prim Ministru huwa korrett għaliex at the moment huma l-9.50 p.m. u għaldaqstant għadda l-ħin tas-seduta - saru aktar mid-9.30 p.m., aktar minn nofs siegħa li tista' tingħata skond dik il-mozzjoni - u għalhekk irridu nimxu bl-istess proċedura tal-bieraħ fejn nirriferu ruħna għal Ordni Permanenti Nru. 10, subinċiż (4) u nitlob lill-Ministru Mizzi jressaq l-Aġġornament.